**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Ottubru, 2024

Rikors Ġuramentat: 169/18AL

**A B**

**vs.**

**C B D**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru 1489/2016)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur[1] li permezz tiegħu ppremetta:

[1] Fol. 1.

*1. Illi l-partijiet iżżewġu fil-ħamsa u għoxrin ta' April tas-sena elfejn u sittax (25/4/2016) (ara certifikat taz-zwieg anness bhala Dok EV1).*

*2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom żewġt itfal, E u F li twieldu fis-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fit-tmintax (18) ta' jIr tas-sena elfejn u sbatax (2017) li llum għadhom minorenni;*

*3. Illi l-konvenuta rrendiet l-ħajja matrimonjali ta' bejn l-partijiet impossibbli, permezz ta' sevizzi, mohqrija, u theddid u raġunijiet oħra kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza fil-konfront tal-istess attur;*

*4. Illi minħabba f'dan iż-żwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess konvenuta;*

*5. Illi l-partijiet ġew debitament awtorizzati biex jipproċedu bl-istanti permezz ta' digriet mogħti minn din l-wisq Onorabbli Qorti (Digriet tal-awtorizzazzjoni anness u mmarkat Dok MS2);*

*6. Illi l-konvenuta qatt ma setghet tapprezza xigifieri tghix hajja ta' mara mizzewga, u ghalkemm l-esponenti ghamel minn kollox sabiex jghix hajja felici, u pprova jagevola lil-konvenuta b'kull mezz possibli, l-intimata dejjem irrifjutat li tghix hajja ta' mara mizzewga kif titlob il-ligi u kif inhu mistenni izda ssoggettat lil-esponenti ghal sensiela ta' sevizzi, eccessi, tghajjir u akkuzi infondati u kattivi li wasslu sabiex tkun intavolata din il-kawza;*

*7. Illi fil-fatt l-esponenti wara li kien saħanstra aċċetta li jiġi Malta mal-intimata fuq xewqa tagħha meta hi kienet għadha tqila bl-ewwel tifla tiegħu, hija qabdet marret għand ommha u missierha u lilu tefawh barra fit-triq tant li ġie homeless u kellu jsib refugju go shelter sabiex sab ruħu fuq saqajh peress li Malta ma kien jaf lil ħadd u ma kellhux għaxja ta' lejla;*

*8. Illi l-esponenti dejjem gab ruhu ta' ragel mizzewweg u zamm l-interessi tal-familja, u ta' uliedu fuq quddiem u anki ried jirrikonċilja ma' martu izda hi fetħet proceduri malizjuzi ta' separazzjoni u rrapurtatu*

*sabiex jitkeċċa minn Malta, meta kienet gia taf li kienet tqila bit-tieni tarbija tiegħu għax ħasbet li tista teħles minnu biex hi toqgħod tgħix hawn fuq l-għajnuna soċjali;*

*9. Illi l-intimata ma tahdimx u ma hijiex persuna moħħa biss biex tara kif ser takkwista mingħand il-Gvern jew mingħand l-esponenti oltre l-fatt li hi persuna li lesta tieħu ġuramenti foloz biex mingħaliha teħles mill-esponenti tant li lanqas kawza ta' separazzjoni ma ntavolat meta ngħatat it-terminu sabiex tagħmel dan, u kellu jiftaħa l-esponenti għax għandu interess li jkollu l-aċċess għall uliedu u dan huwa l-uniku mezz,*

*10. Illi mobbli u immobli l-partijiet flimkien ma għandhom xejn;*

*Tgħid għalhekk il-konvenuta l-għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja u okkorrendo kull dikjarazzjoni meħtiega u opportuna u għar-raġunijiet fuq imsemmija li:*

*1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-kontendenti u dan minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabli lill-konvenuta kif fuq spjegat u tawtorizza l-attur sabiex jgħix separatament minn mal-konvenuta;*

*2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E u F li twieldu fis-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fit-tmintax (18) ta' jIr tas-sena elfejn u sbatax (2017) li llum għadhom minorenni b'mod kongunt bejn il-partijiet*

*3. Tordna li r-residenza tal-minuri tkun mal-omm u tiffissa access a favur l-attur liema aċċess ikun ampju u fl-aħjar interess tal-minuri;*

- *(i) Matul il-ġimgħa għall darbtejn kull darba għall tlett (3) siegħat;*
- *(ii) Sleepover fil-weekend darba mill-Ġimgħa fis-sitta (18:00) sas-Sibt fis-sitta (18:00) u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt fis-sitta (18:00) sal-għada l-Ħadd fis-sitta (18:00) b'mod alternat;*
- *(iii) Tiffissa access f'Jum il-Missier mid-disgħa ta; filgħodu (9:00) sas-sebgħa u filgħaxija (19:00)*
- *(iv) Tiffissa access fil-Vaganzi tal-Milied; u fl-ewwel tas-Sena*

*(v) Tiffissa Aċċess fil-Vaganzi tas-sajf b'dana li f'Awissu ta' kull sena jkun hemm ħamest (5) ijiem konsekuttivi li l-minuri jibqgħu għand il-missier;*

*4. Tillikwida ammont ta' manteniment għall-istess minuri liema manteniment ma għandux ikun aktar minn mija u ħamsin ewro għall kull wild (euro150) tenut kont id-dħul tal-esponenti; oltre nofs is-saħħa u edukazzjoni wara li jintwera d-debita ricevuti skont il-liġi;*

*5. Tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment mingħand l-attur;*

*6. Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti in toto jew in parte tal- artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret lil-attur.*

*7. Ixxolji u tillikwida l-proprjeta komuni li hemm ezistenti bejn il-partijiet u taqsamha f'zewġ porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-konvenuta hija unikament ħatja għas-separazzjoni personali u tassenja porzjoni lill-attur u porzjoni lil-konvenuta ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar biex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.*

*8. TikkundIl lill-konvenuta sabiex tirrestitwixxi lil-attur il-beni kollha dotali u/jew parafernal tiegħu li jirrizultaw waqt it- trattazzjoni tal-kawza, u dana fi żmien qasir u perentorju li għandu jigi lilha prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li l-konvenuta tagħmel dan, tikkundIha tħallas lill-attur dik is-somma li għandha tiġi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u tal-medjazzjoni precedenti għal dan ir-rikors, kontra l-konvenuta li hi minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

Rat il-lista ta’ xhieda tal-attur;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru 1489/2016;

Rat id-digriet tas-6 ta' Ġunju 2018[2] li bih il-Qorti estendiet iż-żmien għall-preżentata tal-kawża b'xahar wara li b'digriet tat-2 ta' JIr 2018 kienet diġà ddikjarat li l-medjazzjoni hija magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-termini mposti mil-liġi iżda l-partijiet ma kienux proċedew bil-kawża;

Rat ir-risposta ġuramentata[3] tal-konvenuta fejn eċċepiet illi:

*1. Illi l-konvenuta taqbel mal-ewwel talba li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dana pero' ghal dawk ir-ragunijiet unikament imputabbli lill-atturi;*

*2. Illi din l-Onorbbli Qorti għandha tichad it-tieni talba sabiex l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tkun kongunta bejn il-partijiet.*

*3. Illi din l-Onorabbli Qorti ghadha tichad it-tielet talba sabiex jigi iffissat l-modalitajiet ta' access ghall-minuri, u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*4. Dwar ir-raba' talba, jirrizulta, illi l-attur diga qieghed ihallas manteniment ghall-minuri Therese skond digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti pero ghad irrid jigi stabilit minn din l-Onorabbli Qorti, manteniment adeqwat ghall-minuri F. Illi l-konvenuta taqbel illi l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni għandhom jinqasmu bejn iz-zewg partijiet;*

*5. Illi b'referenza ghall-hames talba, din ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur ghaliex ma tezisti l-ebda klawsola fil-ligi ghaliex l-konvenuta ghandha tiddekadi mid-dritt taghha li titlob jew tippercipixxi manteniment minghand l-attur;*

*6. Il-konvenuta taqbel mas-sitt talba, b'dana illi s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli tal-ligi citati mill-attur ghandhom jigu applikati fil-konfront tieghu u mhux fil-konfront tal-konvenuta;*

---

[2] Fol. 12.
[3] Fol. 38.

*7. Illi l-konvenuta taqbel mas-sebgha talba attrici limitatament ghal dikjarazzjoni u pronunzja tax-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kif ukoll ghandhom jigu appuntati periti sabiex jillikwidaw, jiddividu u jassenjaw l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti f'dawk il-porzjonijiet u modalitajiet li jigu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti. Illi l-konvenuta mhix topponi in kwantu nomina ta' Nutar Pubbliku sabiex jircievi kull att ta' divizjoni tal-immobbli. Din il-qorti ghandha tichad illi l-konvenuta hija hatja ghas-separazzjoni tal-partijiet u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

*8. Illi ghar-rigward tat-tmin talba, l-intimata tirrileva illi m'għandha xejn fil-pusess taghha beni dotali u/jew parafernali tar-rikorrenti u konsegwentament ma tistax tigi ikkundIta illi tirritorna l-istess u/jew tigi ikkundIta thallas dik is-somma rapprezentanti il-valur ta' dawn il-beni, kemm dotali u/jew parafernali;*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi fil-ligi.*

*Bl-ispejjez u bl-attur minn issa ngunt ghas-subizzjoni;*

Rat il-lista ta’ xhieda tal-konvenuta;

Rat il-verbal tat-22 ta’ JIr 2019[4] fejn il-Qorti ħatret lil Dr Maria Dolores Gauci bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma’ l-provi kollha f’din il-kawża bis-soliti fakoltajiet;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Maria Dolores Gauci, ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-proċediment;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur;[5]

Rat illi l-konvenuta ma ntavolatx nota;

---

[4] Fol. 66.
[5] Fol. 690.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni bejnu u l-konvenuta minħabba tortijiet unikament imputabbli lilha, tafda l-kura u kustodja ta' uliedhom E u F b'mod konġunt bejniethom u tiffissa ħinijiet ta' aċċess favur l-attur u fl-aħjar interess tal-minuri, tillikwida manteniment li m'għandux ikun iktar minn mija u ħamsin Ewro (€150) għal kull wild *oltre* nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali u tapplika kontra l-konvenuta l-effetti tal-Artikoli 48 *et seq* tal-Kap 16.

Min-naħa l-oħra, l-konvenuta filwaqt li tiddikjara l-qbil tagħha mat-talba għas-separazzjoni personali, tiċħad dak attribwit lilha u ssostni li l-ħtija tirrisjedi unikament fuq l-attur u toġġezzjona għall-maġġoranza tat-talbiet fosthom, ir-responsabbilità għat-tifrik taż-żwieġ, l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet, l-għoti tal-kura u kustodja tal-minorenni b'mod konġunt lill-partijiet, dwar l-għoti ta' aċċess u r-radd lura tal-beni parafernali lill-attur. Hija tgħid illi l-firda personali bejn il-partijiet għandha tkun ippronunzjata għar-raġunijiet li huwa unikament responsabbli għalihom l-attur u għalhekk il-konsegwenzi tal-firda għandhom ikunu attribwibbli lill-attur innifsu.

2. **Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilità għat-tkissir taż-żwieġ:**

*<u>Il-Verżjoni tal-Attur u l-allegati tortijiet attribwiti lill-Konvenuta:</u>*

Sfortunatament il-Qorti hija sprovvista mill-verżjoni tal-attur dwar it-tkissir taż-żwieġ għaliex l-attur ma jixhidx f'dan is-sens, ħaġa ta' tħassib *stante* li x-xhieda tal-parti tkun l-ewwel prova li ssir issoltu.  Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu ssir referenza għal replika b'għadd ta' dokumenti,

li jidher li saret waqt il-proċess ta’ medjazzjoni iżda l-istess dokumenti ma jirriżultawx minn dawn l-atti. Jidher illi l-attur jikkonċentra biss fuq l-aċċess għall-minuri; madanakollu t-talbiet tiegħu huma għal separazzjoni personali u l-konsegwenzi tagħha u għalhekk il-Qorti trid tevalwa l-provi u tiddeċiedi fuq it-talbiet kollha u mhux dik biss tal-aċċess.

L-attur madanakollu jipproduċi s-segwenti xhieda li jixhdu dwar il-karattru tiegħu u dak li skont huma kienet il-kawża tat-tifrik taż-żwieġ:

a. _Xhieda ta’ G H[6], home manager tad-Dar Leopoldo homeless shelter_ li jgħid li l-attur beda jirrisjedi fix-shelter f’Settembru 2016 fejn kien referut mill-Aġenzija Appoġġ. L-attur kellu bżonn joqgħod ftit żmien hemm sakemm isib saqajh billi jsib impjieg u jerġa’ jintegra fis-soċjetà. Jgħid li l-programm spiċċah f’Diċembru tal-istess sena madanakollu huwa baqa’ f’kuntatt max-shelter għaliex kien jikkopera ħafna mal-professjonisti u kien attiv ħafna fil-*Home* per eżempju fit-tindif, *maintenance*, tisjir u kull ma kien ikun hemm bżonn li jsir kien joffri li jagħmlu hu. Fil-fatt meta spiċċa l-programm baqa’ jmur bħala voluntier.

   Ix-xhud jiddiskrivi lill-attur bħala raġel ta’ qalb kbira li jħobb in-nies u jħobb jgħin lin-nies, kalm, jikkomunika tajjeb u jaf xi jrid u jħobb jitgħallem apparti li kapaċi ħafna f’dak li jagħmel. Jgħid li issa mpjegawh magħhom bħala *care worker* għaliex kwalifikat jagħmel ix-xogħol u għalhekk offrewlu xogħol *part time.*

b. _Xhieda ta’ I J[7] ossia l-kuġina tal-konvenuta_ li tgħid li ilha taf lill-attur għal madwar sentejn. Tgħid li hija kienet mistiedna għall-magħmudija tat-tifla tal-partijiet. Ix-xhud tgħid li tħoss li kien hemm xi ħaġa ulterjuri għaliex il-partijiet ma baqgħux flimkien għaliex il-konvenuta tidher li xtaqet li jerġgħu jirritornaw flimkien. Tgħid li wara li kienet kellmithom fit-tul biex tipprova tgħinhom, il-konvenuta qalet lill-attur li jista’

---

[6] Seduta tal-15 ta’ Lulju 2019 a. fol. 89
[7] Seduta tal-15 ta’ Lulju 2019 a. fol. 93.

jirritorna d-dar imma biex jitlaq qabel ommha tqum. Tgħid li meta sseparaw l-attur spiċċa *homeless* u huma stidnuh fil-komunità tagħhom u għammduh, kif xtaq hu, f'April 2018. Tgħid li l-attur jagħmel volontarjat magħhom u jagħti ħafna għajnuna u ma tarax raġuni għalfejn tista' l-konvenuta tgħid li tibża' minnu. Tgħid li l-fatt li l-familja tal-konvenuta huma "*very very antisocial*"[8] dan wassal għall-firda ta' din il-familja.

Mistoqsija tiddiskrivi lill-attur tgħid li lanqas lil insett ma jweġġa', kalm, dejjem lest li jgħin anke meta għandu x'jagħmel u ma tista' tgerger xejn minnu. Mistoqsi[9] *"Does he come along as a violent man?"* hija tirrispondi "*Never, never whatsoever. I swear on my children.."* Tixhed ukoll li għandu ħafna mħabba għal bintu u t-tifla mqabbda ħafna miegħu. Tiddeskrivi l-post fejn joqgħod l-attur bħala wieħed addatat għat-tfal fejn bħala għalliema tal-*kindergarten* innutat li anke kellu xatba għas-sigurtà tat-tfal u li l-*barriers* tal-gallerija ġew estiżi wkoll għas-sigurtà tat-tfal. Tgħid li skont hi l-problema kollha hija omm il-konvenuta u l-konvenuta tittama li tista' terġa' tgħaqqad il-familja meta ommha tiġi nieqsa.

c. *Xhieda ta' K J L*[10]*ossia l-kuġina tal-konvenuta* li tgħid li ltaqgħet mal-attur ukoll waqt il-magħmudija tat-tifla tal-partijiet meta l-ewwel impressjoni tagħha kienet li l-attur huwa raġel ġentili u responsabbli. Tgħid li xahrejn wara marru Għawdex iż-żewġ familji u ħadu gost u saru jafu iktar lil xulxin għaliex kien hemm żmien li ż-żewġ familji ma kienux jitkellmu. Tgħid li l-attur "*was funny, caring and he enjoyed himself that day. He enjoyed the family"*[11]. Tgħid li fis-sentejn li ilha tafu, tafu bħala bniedem pazjenti u li ser jipprova minn kollox biex jgħin u ċertament mhux vjolenti u li anke lilha ta ħafna sostenn f'dawn is-sentejn li ilha tafu. Tiddeskrivi d-dar fejn joqgħod l-attur fi pjan wieħed bi tliet kmamar tas-sodda, kċina, kamra tal-banju u *washroom*.

[8] Fol. 94.
[9] Fol. 94.
[10] Seduta tal-15 ta' Lulju 2019 a. fol. 98.
[11] Fol. 99.

Tgħid li anke xatba għas-sigurtà tat-tfal għandu. Hija tħoss li hu dejjem xtaq li jsalva ż-żwieġ u għadu jixtieq li jsalva ż-żwieġ iżda tgħid li l-attur iħoss li l-problema ma hix il-konvenuta u ma jixtieqx li ommha tibqa' tiġi bejniethom.

d. *<u>Xhieda ta' Fr M N[12]</u>* li sar jaf lill-attur f'attività tal-parroċċa u jgħid li l-partijiet kienu marru jkellmuh għaliex xtaqu jiżżewwġu u jgħammdu lit-tifla li kienet ser titwieled. Mistoqsi jgħid x'kienet il-problema tal-partijiet, jgħid li l-problema ma kinitx il-konvenuta iżda l-indħil tal-familja tagħha. Jgħid li fil-fatt meta kien ikellem lil C kienet tifhem kollox u ma tiċħadx. Jgħid li l-attur kien staqsa lill-konvenuta sabiex ma jibqgħux joqgħodu hemm u jgħid li sakemm jiftakar hu kienu ftehmu li jagħmlu hekk. Jgħid li ħu l-konvenuta seta' jifhem x'kienet il-problema u jgħid li l-partijiet kienu jħobbu ħafna lil xulxin. Jgħid li l-attur huwa tipiku ażjatiku, *submissive*. Jgħid li meta sar jafu nduna kemm hu bniedem ta' valuri tajba u li l-fidi qawwija tiegħu għenitu jaffaċja l-problemi li kellu Malta. Ikompli li wieħed għandu jimmaġina kif din il-persuna ma tafx il-lingwa, ġiet Malta u rnexxilu jibqa' jgħix mal-familja tal-konvenuta f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn skont ix-xhud ma kienx post fejn wieħed għandu jgħix. Skont ix-xhud ir-relazzjoni ntemmet minħabba omm il-konvenuta li kienet kontra din ir-relazzjoni u ma ridithomx jitilqu joqgħodu post ieħor.

Jgħid li hu għadu jiltaqa' mal-attur għaliex l-attur involut f'ħafna attivitajiet tal-paroċċa speċjalment mal-barranin, nies foqra u annimali li jħobb ħafna. Jgħid li jħoss li hu għadu jħobb lill-konvenuta imma mbeżża' ħafna jikkommetti għaliex ma hemmx l-isfond neċessarju biex ir-relazzjoni tirnexxi. Jgħid li l-konvenuta meta jkellimha hu tgħidlu li tifhmu iżda mbagħad tmur id-dar u l-attitudni tagħha tinbidel. Fil-fatt jgħid li meta tkun trid tirranġa mal-attur tagħmlu anġlu iżda meta ma tkunx trid, tpinġih xitan. Ix-xhud jgħid li fl-opinjoni tiegħu l-konvenuta tivvinta affarijiet. Jgħid li l-attur kien imweġġa' ħafna fuq it-tfal u li t-tieni wild ma jarahiex.

[12] Seduta tat-23 ta' Ottubru 2019 a. fol. 108.

Mistoqsi jgħid kif il-konvenuta tpinġi l-attur meta f'argument tpinġih bħala xitan, ix-xhud jirrispondi "*My feeling is that she looks at him as irresponsible, he uses violence against her, he...all the things that when a person wants to destroy another person he will use all the fireworks that one can use.*"[13] Jgħid li ma jarax li l-konvenuta hija vittma ta' vjolenza u li l-attur minnu di natura kwiet ħafna u għalkemm ma jistax jgħid x'jagħmel meta jkun irrabjat imma hu jafu bħala persuna kalma.

*Il-verżjoni tal-Konvenuta u l-allegati tortijiet attribwiti lill-Attur:*

*Il-konvenuta tippreżenta l-affidavit tagħha fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2020*[14] fejn tgħid li hija saret taf lill-attur minn fuq *facebook* fil-bidu tas-sena 2015 meta talabha tkun ħabiba miegħu u wara li rat il-profil tiegħu hija aċċettat. Bdew jitkellmu fuq l-annimali għaliex hu kien iħobbhom ħafna u għalkemm l-Ingliż tiegħu ma kienx perfett tgħid li kienu jiftehmu. Tgħid li hu kien tar-reliġjon Hindu.

Wara ftit tgħid li talabha tiżżewwġu u hi ħaditu biċ-ċajt imma qalilha li hu serju dwarha u anke laqqaha mal-familja tiegħu minn fuq il-*camera* li kienu jużaw biex jikkomunikaw. Tgħid li għalkemm stidinha hi ma riditx tmur l-Indja u kellmet lil xi ħadd mill-Ambaxxata biex tirranġalu għal VISA biex jiġi Malta u ftit ta' żmien wara hu qalilha li kien ġej. Tgħid li nħasdet u qaltlu li dawn l-affarijiet jieħdu l-ħin imma peress li saret taf li s-sitwazzjoni f'pajjiżhom ma kinitx feliċi kienet tħassritu. Tkompli li kien ikkonvinċiha li hu raġel sew u dejjem kien jgħid li qiegħdin fil-periklu f'pajjiżhom u dan qalulha ħuħ ukoll li kienet tkellmu *online* wkoll. Kien beda jinsisti li tmur hi għaliex żgur mhux ser jaċċettawlu li jtuh il-permessi biex jiġi u tgħid li għalhekk tħajjret li tmur hi imma maż-żmien bdiet tibża' u kellha ħafna nkwiet għax ommha mardet. Kienet tħoss li l-attur kien jifimha u setgħet taqsam miegħu d-diffikultajiet li kienet għaddejja minnhom. Ħuh sadanittant baqa' jsemmilha kemm qiegħdin f'periklu f'pajjiżhom u li anke nies tas-sigurtà kellhom mad-dar. Tgħid li kienet saret tħobbu u li kien edukat ħafna magħha.

---

[13] Fol. 112.

[14] Fol. 319.

Tgħid li l-attur ikkonvinċiha biex tmur Ċipru fejn hu kien sejjer ħabba borża ta' studju għalkemm hi ma xtaqitx tmur u ħadd mill-familjari tagħha ma ried imur magħha. Tirrakkonta li l-attur kien taha l-*password* biex juriha kemm tista' tafdah u hi kienet rat li kien hemm żmien fejn fuq il-media soċjali kien jittallab għall-għajnuna mingħand sħabu imma ħadd ma kien jirrispondih. Tgħid li hu u ħuħ kienu jgħidu li huma tobba u li jaraw lil foqra b'xejn u lil ommha qalilha li jekk tmur l-Indja jfejjaqha. Tgħid li kkonvinċiha tmur Ċipru u ltaqgħu hemm. Tgħid li kien differenti milli kienet ħasbitu għax kien mistħi u kważi jitriegħed ikellimha iżda ma sħabu kien jingwalha sew. Tirrakkonta li kienu jħallsu kollox hi u missierha.

Tispjega li l-attur kien imur skola ġewwa Limassol u hi kienet toqgħod id-dar u t-tir tagħha kien li jiftħulu l-VISA minn Malta u jiżżewwġu. Marret tara' x'tista tagħmel biex din tingħatalu iżda qalulha li tingħatalu biss jekk jiżżewwġu. Tgħid li l-attur qalilha biex ikollhom tarbija ħalli hekk jagħtuhielu żgur. Minn hemm u minn hawn tgħid li żżewwġu fil-25 ta' April 2016. Tgħid li weġġgħet li qatt ma tella ritratti tagħha fuq il-media soċjali u ommha qablet magħha li ma kienx qed jagħmel sew. Tgħid li l-attur irrabja u qalilha li ma kienx ser ikellem lill-familja tagħha meta jinżlu Malta. La kellhom ċrieket propja u lanqas libsa tat-tieġ u tgħid li kien ġabilha libsa ħamra flok bajda kif xtaqet.

Tirrakonta li waqt li kienu Ċipru kien ikun irid imur postijiet differenti jiddeverti waħdu iżda hi ma kinitx tkun trid u hu ma kienx ikun iridha miegħu. Issemmi argumenti simili li kien ikollhom imbagħad tgħid li xi ġimgħa wara li żżewwġu irriżulta li hi tqila u tgħid li hu ma feraħx u qalilha li jekk qed tkun ma tiflaħx ħafna "*and cannot take it, do abortion*"[15]. Tgħid li ħasset li ried it-tarbija biss ħabba l-VISA u tgħid li anke qalilha biex jibgħatu lit-tarbija għall-adozzjoni. Ġewwa Ċipru tgħid li ma kienux joħorġu wisq u lanqas kien juri affezzjoni fiżika magħha u l-ftit li ħarġu kien għand sħabu f'Limassol. Issemmi li tħoss li kien qisu jaħbiha minn sħabu u li kien ikollhom argumenti kbar fuq hekk.

[15] Fol. 535.

Ġew Malta fit-8 ta' Ġunju 2016. Tgħid li minħabba li ma kellhomx flus lanqas biex jikru kienu marru joqgħodu għand ommha fejn kellhom kamra għalihom fuq. Tgħid li l-attur nbidel u beda jsir aggressiv magħha, dejjem bid-dwejjaq u jiġġieled magħha. Tgħid li baqa' qisu ma jridx juri li hi l-mara tiegħu u li kien dejjem fuq il-*laptop* u kien juriha li ma jridx imur għax-xogħol. Fl-istess ħin tgħid li kien ifittex xogħol iżda moħħu kien li jġibu lil ħuħ Malta. Tgħid li spiċċaw il-karezzi u li nbidel għal kollox u li qisu ġabet bniedem ieħor minn Ċipru. Tirrakkonta li kien jimponi fuqhom li ma jiklux laħam. Tgħid li mbagħad fl-Imnarja qalilha li se jitlaq mid-dar u ħa jibgħatulu l-flus niesu u jmur lura Ċipru meta t-tifla kienet għada tarbija. Tgħid li taha daqqa b'idejh u daqqa ta' sieq fuq ġenbha u bagħtha torqod f'kamra oħra weħedha u qalilha li hu ma jibża' minn ħadd u li setgħet tmur għand il-Pulizija għax ħadd ma hu ser jagħmillu xejn. Jgħid li f'argument kien jgħolli jdejh fuqha u jgħidilha *"you must obey beacuse you are my wife. Wife has to obey what husband says."*[16] U għalkemm għal l-ewwel kienet tibża' minnu mbagħad bdiet tagħtih lura u tgħid li kien jheddidha fuq ħajjitha. Tgħid li qatt ma ġabet pulizija biex ma taqlax problemi. Tgħid li kien anke jridha tbiddel ir-reliġjon.

Tkompli li għalkemm iz-zija tagħhom pruvat tirranġahom, wara ftit żmien kien reġa' beda jagħmel l-istess affarijiet u li moħħu kien li jġibu l-ħuħ Malta. Tgħid ukoll li biddel il-*password* u beda jitkellem ma' nisa oħra u li kien jagħtihom ħafna kunfidenza. Tgħid li l-kuġina tagħha kienet affaċjatu dwar il-fatt li ma jurix fuq il-medja soċjali li hu miżżewweġ u lanqas ċurkett ma jilbes. Tgħid li ma kinitx tkun taf kif qiegħda miegħu u li kien jissuppervja meta ma jieħux li jrid u kien qed jitla' fuq ras kulħadd. Tirrakkonta li kien beda jheddidha li sejjer lura pajjiżu biex jivvendika ruħu mill-għedewwa tiegħu.

Tgħid li kien ikun dejjem bin-nervi u jissuppervja u hi kienet tagħlaq ħalqha biex ma jinfirdux. Lanqas kien ikun irid jorqod magħha u kien jorqod fil-kamra tal-kelb u jġibilha elf skuża biex ma joħroġx magħha filwaqt li tgħid li kien jissodisfa ruħu bil-pornografija u jagħti n-numru tal-*mobile* tiegħu lil kull tfajla fuq ix-xogħol. Tgħid li meta ma kinitx tħallih

[16] Fol. 537.

joħroġ waħdu kien jheddidha li jitlaq mid-dar. Tgħid li kien jorqod bil-*mobile* u ġieli sabitlu ritratti u *chats* ma' nisa Indjani.

Issemmi argument ieħor fejn wara dan l-argument beda jsawwat ħafna l-kelba tagħha u iktar ma bdew jgħidulu jieqaf iktar beda jidħaq u jsawwatha u lilha taha daqqa ta' ħarta. Dan kien is-sagħtejn ta' filgħodu u dakinhar kien telaq mid-dar. Dan kien Awwissu 2016 u tgħid li sa Settembru 2016 kien għadu ma rritornax id-dar. Tgħid li baqgħu jibgħatu messaġġi lil xulxin u beda ġej u sejjer u iktar tard talbitu jmur lura għax qaltlu li qed jimmisjawh. Bdew imorru għal l-għajnuna għand tal-Appoġġ u f'Diċembru l-attur irritorna d-dar għand ommha. Tgħid li ma kienx jagħtiha flus għall-familja u meta kien jagħtiha kien tabirruħu qed jagħtiha ħafna. Tkompli li lit-tfal kien jeħodhom bil-herra u reġgħu bdew l-argumenti fuq il-ħruġ u fuq ic-*chats* man-nisa li kienet tgħid li ssib. Tgħid ukoll li kellhom argument sħiħ biex jagħmlu *joint account* mal-Bank u li għalkemm imbagħad għamluh kienet issibu vojt.

F'nofs Jlr 2017 kienet għall-osservazzjoni minħabba t-tqala u tgħid li anke f'dak il-mument inqalgħu argumenti fuq in-nisa u meta twieldet it-tarbija ma riedx jibqa' magħha. Meta twieldet it-tifla tgħid li ħa qata' għax raha bajda u qalet li deher li ma riedx it-tifla u kien telaq il-barra b'ħafna għajjat u ndaħlet ukoll qabla biex jirranġaw imma ma riedx jaf. Tgħid li lanqas *paternity leave* ma ried jieħu u li fuq il-media soċjali baqa' dejjem jaħbi l-familja tiegħu u lanqas jilbes ċurkett tat-tieġ. Tgħid li beda jaħbilha ħafna kemm il-karti tal-bank u *payslips* u anke l-*password* ta' *facebook*. Tgħid li darba mbagħad kien rieqed u fittxitlu c-*chats* u sabitlu *chat* ma' ġermaniża.

Tgħid li f'Mejju 2017 reġa' nqala argument kbir dwar ħuħ fejn tgħid li qabadha minn għonqha, għafsilha griżmejha u taha daqqa ta' ħarta ġo wiċċha u beżgħet u ma għamlitx rapport mal-pulizija. Tgħid li marret għand l-avukat tagħha u din ippruvat tirranġahom. Tkompli li "*Kont imdejqa mingħajru u ridtu jiġi lura, kuljum kont inqabbad lil kuġin ninżlu l-Gżira infittxu lil A għax ma riedx jgħidli fejn kien joqgħod.*"[17] Issemmi mbagħad diversi episodji fejn kienet issibu u tgħidlu jmur lura u hu

[17] Fol. 546.

jgħidilha li għandha tħallih kwiet u tgħid li hi baqgħet tiffittah tant li l-kuġin tagħha kien beda jiddejjaq jwassalha tfittxu kuljum.

Tgħid li fl-aħħar reġa' aċċetta li jmur lura u filwaqt li hi riedet li jikru hu ma riedx iħallas kera u ried li joqgħodu għand ommha. Issemmi sensiela oħra ta' argumenti simili. Tgħid li lit-tfal ma kienx jidher kuntent bihom u ma jagħtix kashom. Tgħid li darba t-tifla kienet qed tibki u ratu jheżżiżha biex tieqaf u li kien jaħseb biss għal rasu. Tgħid li kienet tħossha qisha *single mother*. Tgħid li hu ma riedx jaf bit-tieni tarbija u qalilha tagħmel abort għax din ma kinitx tiegħu. Tirrakonta wkoll li kien iżomm id-dar maħmuġa u qatt ma kien iħallas għal xejn. Issemmi li kellhom argumenti oħra fejn tgħid li l-attur uża vjolenza fuq il-persuna tagħha waqt it-tieni tqala sakemm beda jinkiha li ser jitlaq jgħix fi flat ma' żewġ nisa. Tirrakkonta l-inċident li wassal biex telaq mid-dar u li kellha ssabbar lil ommha u ratu jaqta' jdejh b'trabuxu tal-inbid u ommha qaltilha ma ċċempilx lil Pulizija. Għalkemm hu beda jinsisti biex jitlaq hi baqgħet tgħidlu biex jieħu shower u jorqod ħa jikkalma. Tgħid li għamel ftit jiem oħra d-dar imbagħad ma setgħetx taħfirlu iktar. Tgħid li involva lil Fr M u lill-kuġina tagħha b'ħafna gideb kontriha u l-familja tagħha. Tgħid li minn meta ħareġ id-digriet tal-manteniment għaż-żewġt itfal qatt ma taha l-manteniment kollu u ġieli falla wkoll. Tgħid li għamlet rapporti mal-pulizija dwar dan.

*Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, il-konvenuta tressaq is-segwenti provi:*

a. *<u>Affidavit ta' O D, ossija ħu l-konvenuta ppreżentat fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2020[18]</u>* li jikkorabora l-verżjoni ta' oħtu. Jgħid li għal-ewwel l-attur kien jieħdu bħala ħuħ u kienu jmorru tajjeb flimkien sakemm imbagħad wara ġimgħa għamlu BBQ u rrifjuta li jmur għaliex kellu kontra min jiekol il-laħam u beda jinqata' waħdu. Jgħid li ra lil oħtu targumenta mal-attur u li l-attur taha daqqa' ta' ponn f'wiċċha. Qal li beda jhedded li se jitlaq u li kienet zithom li kkalmathom.

[18] Fol. 555.

Jgħid li xi żmien wara ommu ma felħitux iktar u keċċietu l-barra għax beda jgħolli leħnu u jargumenta u anke sawwat lill-kelba. Jgħid li l-attur kien lesta kollox biex jitlaq imma x-xhud ikkonvinċih biex jibqa'. Jgħid li qabel twieldet il-minuri Tereża reġgħu rranġaw u kulħadd ħa pjaċir. Xhur wara jgħid li ra lill-attur jheżżeż lit-tarbija biex tieqaf tibki iżda hu ma qallu xejn u jgħid li ġieli kien jeħodielu biex jieħu ħsiebha hu filwaqt li hu joqgħod fil-kamra tiegħu fuq l-*internet*. Jgħid li lill-kelb kien jagħtih bil-ħarta biex jobdih b'mod li ġabu jibża' minnu. Jgħid li darba oħra li l-attur kien telaq mid-dar kien ċempillu hu biex jiġi lura. Jgħid li l-attur qatt ma ried joħroġ barra mal-konvenuta u t-tfal u kien jgħajjar lill-familja *pigs* għax huma ftit ħoxnin. Jgħid li kien jinki ħafna u li l-manjieri tiegħu kienu jdejqu lil kulħadd.

*b. Affidavit ta' P D, ossija omm il-konvenuta, ppreżentat fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2020*[19] li tikkorrobora l-verżjoni ta' bintha u tgħid li meta bintha bdiet tkellem lill-attur kienet widdbitha li dan bniedem li ma ltaqgħetx miegħu personalment iżda tgħid li bintha kienet għamiet warajh. Tgħid li hi kienet inkwetata ħafna għal bintha meta din ġiet biex titlaq għal Ċipru iżda kontra qalbha ħallietha tmur.

Tgħid li għall-ewwel kollox kien sew iżda imbagħad l-attur beda jgħolli leħnu u jirrabja magħha u jordnalha tagħmel l-affarijiet kif ried hu. Tgħid li kien jitlobhom ħafna li jġib lil ħuħ Malta u anke talabha biex iġib il-familja kollha iżda hi qaltlu li jistgħu jiġu kemm iridu imma ma jistgħux joqgħodu miegħu. Tgħid li f'darha kien jagħmel kollox kif irid hu u kien jgħidilha li l-konvenuta tgħir għalih. Tgħid li wara li kellmet lill-bintha din qaltilha li anke fuq il-kompjuter kien ikun dejjem man-nisa. Tirrakkonta li fid-dar kien maħmuġ, idendel il-qliezet mal-linfa u ma jagħmel xejn id-dar u jekk bil-lejl kien jiddeċiedi li jrid jiekol il-konvenuta kienet tqum issajjarlu. Tgħid li kien ikollhom ukoll argumenti fuq il-ħruġ u tirrakkonta l-inċidenti meta qata' jdejh bit-trabixu u tgħid li bdew

[19] Fol. 559.

jikkalmawh u jikkonvinċuh biex ma jitlaqx biex it-tifla ma tkunx mingħajr missier. Tgħid li kien jgħajjarhom *pigs.*

Tgħid li issa ma tridux iktar għandha għaliex qala' ħafna inkwiet u ma kienx jirrispetta lil bintha u lit-tfal ma riedhomx u li kien issuġġerixxa l-adozzjoni lill-konvenuta. Tgħid li kienu jipprovdulhom kollox huma u l-ftit drabi li għadda ħamsin Ewro lill-konvenuta kien għamel ħafna għaġeb. Tgħid li jgħid ukoll illi l-minuri F mhix bintu.

*c. Affidavit ta' Q D, ossija missier il-konvenuta, ppreżentat fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2020*[20] li jikkorabora l-verżjoni tal-konvenuta u l-familjari.

*Il-Prinċipji legali u applikazzjoni tagħhom għall-każ odjern:*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentement jiġu applikati għall-każ odjern.

Il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għas-Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Susan Armeni vs Leonard Armeni**[21], fejn il-Qorti tgħid dwar iż-żwieġ illi: "*25. Din il-Qorti tosserva li z-zwieg huwa intiz sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' hajja u ta' imhabba kemm lejn xulxin kif ukoll lejn it-tfal taghhom u l-konjugi ghandhom jagixxu fl-interess tal-familja li ghandha tkun l-ewwel prijorita` fiz-zwieg."*

F'każ illi tali żwieġ ma jirnexxix għal raġuni jew oħra, l-Artikolu 36 tal-Kap 16 jgħid illi:

*"Il-firda personali ma tistax issir ħlief b'talba ta' waħda mill-persuni miżżewġa flimkien kontra l-oħra, u għal xi waħda mir-raġunijiet miġjubin fl-artikoli li ġejjin, jew bil-kunsens ta' xulxin, kif hemm fl-artikolu 59."*

[20] Fol. 563.
[21] Deċiża fit-30 Ottubru 2015.

Il-liġi tkompli billi tispeċifika raġunijiet li għalihom wieħed jista' jitlob firda taż-żwieġ. Speċifikament ta' interess għal dan il-każ huma l-Artikolu 38 u l-Artikolu 40 li jgħidu kif ġej:

*"38. Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra."* u

*"40. Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:*

*Iżda l-qorti tista' tiddikjara l-firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabbilment minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, l-ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġuni."*

Jingħad b'referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et vs Q Pace**[22] illi: *"Il-piz tal-prova ta' dak li hemm allegat fic-citazzjoni jinkombi fuq l-atturi li qeghdin jaghmlu l-imsemmija allegazzjoni u dana in bazi ghall-principju legali 'ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat'. Il-Qrati taghna pero`, fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti, jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f'kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f'kawza civili fis-sens illi filwaqt illi f'kawza kriminali l-htija ta' l-akkuzat trid tigi ppruvata 'beyond reasonable doubt', f'kawza civili bizzejjed li jkun hemm 'moral certainty', certezza morali f'mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed li jkun hemm 'a mere possibility'. Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali, rikjesta f'kawza civili, hija l-effett tal-'balance of probabilities'."*

Ġie ritenut ukoll, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta' April 2015 fl-ismijiet **Anthony Galea vs Gaetan Frendo** illi: *"Kull kaz ghandu jkun esaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu. Dan ighodd ukoll*

[22] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili fil-5 ta' Marzu 1986.

*fejn tidhol l-applikazzjoni ghall-kaz tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita` tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet." (…) "Fil-kaz tal-lum, il-partijiet taw verzjonijiet opposti. Meta jigri hekk, il-Qorti jkollha taghmel ezercizzju sekondarju ta` verifika tal-fatti skond il-provi akkwiziti. Dan isir sabiex finalment il-Qorti jkollha stampa aktar cara u preciza sabiex tghid liema miz- zewg verzjonijiet tqarreb is-sewwa. Xi drabi dan ikollha taghmlu billi tmur ghal dettalji li forsi prima facie ma jkunux jidhru wisq rilevanti izda meta mbaghad meqjus f`kuntest aktar wiesgha u komplessiv jitfghu dawl fuq l-attendibita` ta` verzjoni fil-konfront ma` ohra.*"

Kif qalet il-Qorti fil-kawża **Marthese Vella *pro et noe* vs George Valla** deċiża mill-Prim Awla fit-28 ta' Frar 2003 *"Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni **l-episodji saljenti tal-hajja konjugali** u mhux incidenti ta' importanza minuri."*

Tgħid il-Qorti dwar l-Artikolu 40 fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet **Maria Dolores *sive* Doris Scicluna vs Anthony Scicluna**[23], illi: ***"****Biex il-Qorti taccetta dawn ir-ragunijiet, jew kwalsiasi wahda minnhom, trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni proposta u min jaghmilhom hu hati taghhom. Il-kwistjoni hi wahda ta' fatt imhollija fil-valutazzjoni ta' min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw, ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta' separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli jekk mhux impossibbli. Illi 'noltre il-Qorti tirrileva li kif inhu pacifiku "perche` il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole **non e`necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche`sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale**" – **"**Elisa Thompson vs Edward Thompson**"** (Prim'Awla tal-Qorti Civili, 12 ta' Mejju 1925);**"***

Għalhekk huwa ben affermat illi l-motivi li jiġġustifikaw l-azzjoni jkunu *"indizji u prezunzjonijiet purche dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti*

[23]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).

*b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika."*[24] Madanakollu, kif ingħad hawn fuq m'hemmx il-ħtieġa li jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża mpossibbli *da parti* ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.[25]

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati fl-Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-Sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[26] u **Antoinette H vs Alexander H**,[27] ġie ritenut illi fir-rigward ta' **moħqrija**, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".* Mill-ġurisprudenza jidher illi l-kelma 'moħqrija' u s-'sevizzi' jfissru l-istess ħaga.[28] Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti**,[29] irritjeniet illi: *"Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' **theddid u vjolenza**, il-Qorti tgħid li fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostitwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone *pro et noe* vs Jesmond Tabone**,[30] "*il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha*". Skond l-istess Qorti "*Is-swat, …, hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ*".[31]

---

[24] Rita Spiteri vs Av Dr Albert V Grech *et noe* (PA (CC) kollex XXXVII.II.693.
[25] Elisa Thompson vs. Edward Thompson deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju 1925.
[26] Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[27] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru. 1677/1995/RCP).
[28] Antoinette H vs Alexander H, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru. 1677/1995/RCP).
[29] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru 2015.
[30] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[31] Charmaine Zahra *pro et noe* vs Alfred Zahra, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

Dwar it-theddid tgħid il-Qorti *"Illi l-agravju ta' theddid tinkludi kliem bil-miktub jew bil-fomm jew anke agir li jinghadu jew jsiru bil-ghan li twegga lil parti l-ohra u biex trendilhom hajjithom mizerabbli u skuntenta."*[32]

Dwar **L-inġurji u offizi gravi** l-Qrati tagħna jgħidu li "*ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom*",[33] filwaqt li ġew definiti bħala li jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz.

Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil **eċċessi**, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".* (vide A Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza fit-30 ta' Gunju 1961-Prim Awla)".

Teżisti mbagħad id-distinzjoni bejn eċċessi u sevizzi. Fadda jgħallem illi *"Sono "eccessi" tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge"*.[34] Mill-banda l-oħra,*"Sevizie sono quegli atti di crudelta' verso il coniuge che, se non ne mettono in pericolo la vita, nondimeno quasi quotidianamente lo tormentano".*[35]

Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-**adulterju** hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*"[36] . Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha.

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern*

[32] Camilleri utrinque deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Marzu 1898.
[33] Sentenza fl-ismijiet Marthese Vella *pro et noe* vs George Vella deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar 2003.
[34] Giurisprudenza, Art.150, para. 214.
[35] Giurisprudenza, Art.150, para. 241.
[36] Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, waslet għall- konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi, li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment. Konsegwentement, il-Qorti tqis li hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

L-attur jaddebita lill-konvenuta t-tkissir taż-żwieġ minħabba sevizzi, moħqrija, theddid, eċċessi, tgħajjir u akkużi infondati u kattivi li wasslu biex ġiet intavolata din il-kawża. Minn naħa tal-konvenuta tgħid li s-separazzjoni personali għandha tiġi pronunzjata għal raġunijiet unikament imputabbli lill-attur. Filwaqt li l-attur ma jixhed la *viva voce* u lanqas permezz ta' affidavit, il-konvenuta tippreżenta affidavit fejn fih telenka kwantità ta' inċidenti li jekk wieħed jieħu bħala veritjera jġiegħel wieħed jaħseb li l-ħajja miżżewwġa tal-partijiet kienet verament miżerabbli mill-bidu nett.

L-attur minkejja li jippreżenta t-talbiet tiegħu għal separazzjoni personali minħabba tortijiet li huwa jgħid li huma attribbwibbli għall-konvenuta ma jippreżentax il-verżjoni tiegħu tal-fatti, madanakollu jġib evidenza ta' nies li kienu nvoluti sabiex jippruvaw jirrikonċiljaw lill-partijiet jew li ta' lanqas kienu jisimgħu mill-partijiet dwar il-problemi li kien qed ikollhom fiż-żwieġ. Dawn ix-xhieda speċifikament G H minn Dar Leopoldo, I J u K J Ihoumah kuġini tal-konvenuta u Fr M N kollha kienu kelma waħda dwar il-karattru tal-attur – bniedem kalm, ta' għajnuna kbira għal dawk ta' madwaru, ħabrieki, iħobb lil uliedu u jurihom li jħobbhom u ta' valuri tajba ħafna. Il-konvenuta minn naħa l-oħra fl-affidavit tagħha tgħid proprju l-kontra ta' dan kollu.

Is-Sur H jgħid li l-attur kien attiv ħafna fid-dar fejn kien qed jirrisjedi waqt il-programm għal nies bla saqaf. Kien jikkopera ħafna mal-professjonisti u dejjem kien nadif ħafna u kull ma kien ikun hemm bżonn fid-dar kien jagħmlu. Mhux talli hekk talli meta spiċċa l-programm u telaq mid-dar baqa' jżurhom u anke jagħmlilhom xogħol volontarju. Jgħid li huwa raġel kalm u li jaf jikkontrolla s-sitwazzjonijiet bil-kommunikazzjoni u mhux bl-għajjat. Kellu mħabba kbira għan-nies ta' madwaru. Tgħid fil-fatt l-istess I J li baqa' jmur jgħinhom fil-komunita` li għammduh fiha. Tgħid li kalm u dejjem lest li jgħin u tgħid li taħlef fuq uliedha li m'huwiex vjolenti. Tgħid

ukoll li anke ma' wliedu kien hekk. K J Ihoumah iżżid ukoll li *he was funny, caring...He enjoyed the family.* Fr M jitkellem bl-istess mod dwaru u jgħid li minn naħa tal-attur għadu jħobb lill-konvenuta u li kien għalih kieku hemm l-isfond it-tajjeb kien isalva r-relazzjoni.

Madanakollu x-xhieda kollha jsemmu l-fatt illi l-konvenuta minn naħa tagħha ma kellhiex problemi mal-attur iżda meta kienet tmur id-dar dan kollu kien jinbidel għaliex kellha pressjoni kbira minn ommha. Fr M jgħid "*...the problem was not with C. The problem was what...with her family because in my opinion there was too much inteference with their family life.*"[37] Filfatt jgħid "*they used to love each other quite a lot.*"[38] I J fil-fatt tgħid "*I don't think its from her side, I thing there is something more superior from her end because she did want to console, she did want to reunite the family again. And after those 3 hours she had told him yes you can come to my house, sleep there, but make sure that you leave before my mother wakes up..*"[39] Tgħid "*May be it could be a bit of antiracism; but then again I feel that the family could be a bit antisocial. Its being a long time that this family has been very very antisocial, so that's what has caused this drift between I think, the 2 couples.*"[40] U spiċċat ix-xhieda tagħha billi qalet "*what I can feel, she apparently doesn't want to separate from Manau; Why? She is sleeping on a hold, may be her mother passes away, and then she can be united in a family. That's what I think.*"[41] Il-Qorti tħoss li din hija stqarrija serja ħafna u li għandha tittieħed b'ħafna serjetà fil-kuntest tal-fatt illi dawn ix-xhieda kollha li kienu qed jippruvaw jgħinu lill-partijiet kollha jaqblu fuq x'kienet il-problema.

Inkwetanti l-fatt ukoll, u l-Qorti ħasbet ħafna dwar dan il-punt, anke fid-dawl tax-xhieda li tat il-konvenuta, dak li jgħid Fr M fix-xhieda tiegħu "***And obviously when she wants to reconcile she makes him a saint. But when she does not want to reconcile she make him a devil. And she invents in my opinion the way she sees him, she sees him it as completely different...My feeling is that she looks at him as***

[37] Fol. 109.
[38] Fol. 110.
[39] Fol. 94.
[40] Fol. 94.
[41] Fol. 97.

***irresponsible, he uses violence against her, he...all the things that when a person wants to destroy another person he will use all the fireworks that one can use**."* Il-Qorti fil-fatt tħoss propju hekk meta teżamina l-affidavit tal-konvenuta u ssib għadd ta' kontradizzjonijiet u fatti li ma tħossx li jistgħu jkunu verosimili, li jnaqqsu l-kredibilità tal-konvenuta u l-Qorti tħoss li qed jingħadu biex hija tagħmel minn kollox biex titfa' dawl ikrah fuq l-attur u *ċioé*:

1. Il-konvenuta issemmi għadd kbir ta' inċidenti ta' vjolenza iżda ma ġġib l-ebda tip ta' prova ta' xejn dwarhom, la rapporti mal-pulizija u lanqas ritratti – hija tgħid li kienet tibża' tagħmel rapporti madanakollu l-Qorti ma tħossx li dan għandu mill-verità meta hi stess tgħid li ma baqgħetx tibża' minnu u bdiet tagħtih lura u meta wieħed iqis il-fatt li l-attur kien il-barrani f'pajjiżna u l-fatt illi fir-rigward tan-nuqqas ta' ħlas ta' manteniment hija kienet tagħmel għadd ta' rapporti mal-Pulizija;

2. Il-konvenuta tilmenta li l-attur ma kienx juri li jrid imur għax-xogħol meta x-xhieda xehdu proprju kemm kien raġel bieżel u fejn anke saħansitra kien imur jgħin b'mod volontarju u għalhekk il-Qorti ma tarax verosimili l-verżjoni tal-konvenuta li tpinġih bħala raġel għażżien;

3. Il-konvenuta tgħid li kien iridha tbiddel ir-reliġjon u ommha tilmenta minn prattiċi reliġjużi li kien jagħmel fid-dar tagħha. Il-konvenuta tgħid li saħansitra qalilha li biż-żwieġ awtomatikament kienet nofsha Hindu. Minn naħa l-oħra l-kuġina tal-konvenuta qalet li proprju talab li jitgħammed u għammduh biex jaqleb għall-kristjaneżmu jiġifieri huwa kien saħansitra disponibbli jaqleb ir-reliġjon hu, altru li mhux jimponi fuq oħrajn;

4. Il-konvenuta kontinwament issemmi fl-affidavit tagħha *chats* li l-attur kien ikollu ma' terzi persuni tas-sess femminili u anke ritratti u tgħid kemm kien iħobb ikellem nisa oħra u kemm kienet tiġbidlu l-attenzjoni għal dan. Skont hi din kienet problema kbira fiż-żwieġ, allura l-Qorti tistaqsi kif il-konvenuta ma tippreżentax lanqas prova waħda ta' dawn iċ-*chats* permezz ta' ritratti jew xi mezz ieħor li setgħet iġġib quddiem il-Qorti biex tipprova dak li qed tgħid;

5. Tilmenta ħafna dwar il-flus u li ma kienx jikkontribwixxi għall-familja iżda mbagħad tgħid li riedet tagħmel *joint account* miegħu u li kien b'insistenza tagħha li għamlu dan imbagħad wara ftit sabitu vojt. Jekk tilmenta li kien daqshekk jieħu l-flus mingħandha għalfejn riedet tagħmel kont konġunt?

6. Issemmi li meta bdew ikellmu ħaddiema soċjali minħabba l-problemi ta' bejniethom dawn ma kienux kuntenti bih madanakollu ma ttella lil ħadd minn dawn il-professjonisti bħala xhieda;

7. Tgħid li xtaqet tibqa' miegħu ħabba t-tfal meta mbagħad tilmenta qatiegħ għal mod kif kien imur mat-tfal fejn tgħid li ma kienx jimpurtah minnhom, kienet tħossha qisha *single mother* u anke darba heżżeż lit-tifla meta din kienet qed tibki u saħansitra kellha t-tieni tarbija miegħu;

8. Il-punt imbagħad li joħroġ bl-iktar mod ċar u li jħalli l-Qorti tistaqsi dwar din ir-relazzjoni huwa l-fatt li l-affidavit tal-konvenuta isemmi biss affarijiet negattivi u inċidenti koroh li ġraw bejniethom fejn il-konvenuta takkuża lill-attur kontinwament bi vjolenza fiżika, theddid, tgħajjir, inkejja, ma jipprovdix finanzjarjament, karezzi ta' xejn, ma jurix li hi martu u ma joħroġx magħha, ikellem kontinwament nisa oħra etc. U dan kollu mill-bidu taż-żwieġ. Però fl-istess waqt l-affidavit huwa mimli istanzi fejn hija tirrakkonta kemm ġriet warajh u riditu lura u saħansitra tgħid "*Fl-aħħar ċedejt li ma jagħtinix flus u għidtlu li jista' jiġi d-dar anke jekk ma jagħtinix flus, **għax konna kollha qed nimmisjawh**, u l-għada ġie.*"[42] U "***Bqajt niffittah lil A, nibgħatlu l-messaġġi**, u fl-aħħar qalli li ġej lura, u ommi kelmitu u qaltlu biex nirranġaw bejnietna.*"[43] *U "**Kont imdejqa mingħajru** u ridtu jiġi lura, kuljum kont inqabbad lil kuġin ninżlu l-Gżira infitxu lil A...*"[44] Ħu l-konvenuta wkoll jgħid li ra lill-attur ikun vjolenti ma' oħtu imma fl-istess ħin jgħid li **l-familja tagħha ħadu gost meta reġgħu rranġaw**. Il-Qorti tħoss li hemm xi ħaġa mhix f'posta kif l-ewwel kien ra lil oħtu vittma tal-vjolenza u mbagħad ħa gost li reġgħu rranġaw u l-konvenuta stess tirrakkonta f'daqsekk tul l-inċidenti koroh li tgħid li ġraw fiż-żwieġ u ssemmi biss aspetti koroh fil-karattru tal-attur biex imbagħad tispiċċa timmisjah u dejjem tfittxu biex jiġi lura;

[42] Fol. 542.
[43] Fol. 547.
[44] Fol. 546.

Il-Qorti ħasbet fit-tul fir-rigward ir-raġuni għalfejn dan iż-żwieġ tkisser. Wara li għarblet il-provi bir-reqqa, u magħdud il-kunsiderazzjonijiet hawn fuq premessi, il-Qorti tikkonkludi li, fuq bilanċ ta' probabiltajiet, iż-żwieġ tkisser minħabba l-influwenza tal-familja tal-konvenuta u n-nuqqas ta' aċċettazzjoni tagħhom tar-relazzjoni bejn il-partijiet. Il-Qorti hija moralment konvinta li x-xhieda proposta mill-konvenuta konsistenti mill-familjari stretti tagħha ppreżentaw pożizzjoni saħansitra miftehma sabiex iqegħdu lill-attur f'dawl ikrah mingħajr ma jissostanzjaw l-allegazzjonijiet tagħhom bi provi oġġettivi. Biex waslet għal din il-konklużjoni, il-Qorti ikkunsidrat ukoll kif familjari oħra tal-konvenuta, iżda mhux familjari stretti, pinġew stampa kompletament differenti, u dijamettrikament opposta, ta' l-attur, u tat piż lil persuna estranja bħal ma hu Fr. M N li ċertament ma għandu ebda interess li jieħu naħa jew oħra f'din il-vertenza.

Tenut kont dak hawn fuq premess, dawn l-akkużi mhux sostanzjati *da parti* tal-konvenuta jikkostitwixxu inġurja gravi fil-konfront ta' l-attur u riflessjoni ta' x'kien qed jiġri matul iż-żwieġ fejn il-Qorti tħoss illi l-attur kien qed jiġi akkużat inutilment biex jitpoġġa f'dawl ikrah u weħedhom jitqiesu li huma r-raġuni għat-tifrik taż-żwieġ.

### 3. L-applikazzjoni *o meno* tal-Artikolu 48 *et seq.* tal-Kap 16:

L-attur jitlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' martu d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kap 16. Min-naħa tagħha, il-konvenuta tgħid illi tali disposizzjonijiet tal-liġi għandhom japplikaw fil-konfront tal-attur. Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skont il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ *ai termini* tal-Artikolu 48. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, *ai termini* tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, il-Qorti ma tħossx li huwa opportun li tapplika fil-konfront ta' l-ebda parti dawn is-sanzjonijiet.

4. **Kura u Kustodja, aċċess u Manteniment tal-ulied minuri:**

Jirriżulta mill-atti ta' din il-kawża li l-partijiet kellhom problemi kbar dwar il-kura u kustodja, aċċess u manteniment tat-tfal u dan kien punt miġġieled ħafna f'din il-kawża b'numri kbir ta' rikorsi li jiġu ntavolati u numru ta' rapporti ta' ħaddiema soċjali u professjonisti oħra u xhieda dwar dan.

Għalhekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex telenka tali xhieda, rapporti u digrieti li saru tul il-medda tal-kawża:

<u>Kura u kustodja u aċċess</u>

- Rikors tal-attur tal-15 ta' Jlr 2018[45] fl-atti tal-medjazzjoni fejn jitlob aċċess għall-minuri E u digriet tal-Qorti tal-14 ta' Frar 2018 fejn ġie deċiż illi:

  *Il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur u għall-ewwel xahar l-aċċess għandu jkun superviżjonat jew mill-Appoġġ jew minn social worker bil-warrant attiva kopja legali ta' liema għandha tiġi ppreżentata fl-atti qabel l-aċċess jiġi eżerċitat u f'każ ta' bżonn din l-ordni għandha tiġi enforzata mill-Marixxalli tal-Qorti bl-għajnuna tal-Pulizija;*

  *Tordna lill-omm sabiex waqt l-aċċess iżżomm distanza ta' mhux anqas minn ħames mitt metru  u ksur ta' din l-ordni jiġi kunsidrat bħala disprezz;*

  Ordni dwar manteniment;

- Nota tal-Aġenzija Appoġġ tal-5 ta' Ġunju 2018[46] ukoll fl-atti tal-medjazzjoni fejn il-ħaddiema soċjali jagħmlu rapport u rakkomandazzjonijiet wara li ltaqgħu mal-partijiet biex jagħtu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom dwar l-aċċess.  Interessanti dak li jgħidu dwar id-diffikultà sabiex jiltaqgħu mal-konvenuta fejn anke rranġaw biex il-viżta issir fl-uffiċju tal-Kottonera biex ikun eħfef

[45] Kopja legali annessa mar-rikors tal-25 ta' Lulju 2018 a. fol. 24.
[46] Kopja legali annessa mar-rikors tal-25 ta' Lulju 2018 a. fol. 28.

għall-konvenuta iżda hi xorta ilmentat u għamlitha diffiċli. Meta bdew il-visti l-konvenuta ġabet diversi skużi biex ma tieħux it-tfal għall-aċċess u l-ħaddiema soċjali kellhom saħansitra jitolbu l-assistenza tal-Marixxal tal-Qorti biex il-visti jibdew mingħajr iktar dewmien. Meta bdew il-visti jgħidu li minkejja li l-konvenuta allegat vjolenza minn naħa tal-attur fuqha u fuq bintha iżda "*kienet tidher komda ħafna fil-preżenza tas-Sinjur B.*"[47] U saħansitra l-ħaddiema kellha tintervjeni sabiex tinkoraġġixxi lill-omm biex titlaq mill-post biex jibdew u jtemmu l-vista. L-attur kien ikun entużjast ħafna għall-visti u anke aċċetta li xi visti jkunu eqreb ta' Ħaż-Żabbar sabiex jiffaċilita t-trasport tal-minuri mill-omm.

Għalkemm il-ħaddiema soċjali jirraportaw b'mod pożittiv immens dwar il-laqgħat tal-missier ma' bintu fejn jgħidu li "*Matul il-vizti, il-minuri E dehret komda bil-preżenza u l-affezzjoni ta' missierha. Għaldaqstant is-Sinjur B deher ferħan ħafna bil-preżenza ta' bintu. Hu wera attenzjoni lejha u kien kalm u paċenzjuz magħha. Hu kien jiddedika il-ħin kollu sabiex iżommha, ibenninha, ikellimha u jipprova interaġixxi magħha b'modijiet differenti*."[48] Madanakollu l-omm tgħid li hi nkwetata li wara l-visti t-tifla tkun bla aptit, tibki u twerżaq bla sabar. Għall-Qorti huwa bil-wisq ovvju li t-tifla kienet qed tbagħti l-assenza ta' missierha, għalkemm tirrikonoxxi li, kif jingħad 'l quddiem, li l-professjonisti jikkonsiljaw kawtela fl-iżvilupp ta' relazzjoni.

Il-konklużjoni tar-rapport kienet illi:

*"Is-social worker innutat titjieb gradwali fir-relazzjoni bejn il-missier u l-bint iżda tħassbet ukoll fir- rigward tas-sintomi li ġew irrappurtati mill-omm. Għaldaqstant il-ħaddiema fi ħdan it-taqsima huma tal-umli fehma li*

- *ssir viżta mal-pedjatra tal-Aġenzija Appoġġ, Dr. Mariella Mangion sabiex tkun tista' titfa' dawl fuq il-bżonnijiet tal-minuri. Omm il-*

[47] Fol. 30.
[48] Fol. 30.

*minuri tinsab infurmata dwar dan u qablet ukoll bil-possibilta li l-minuri tiġi riferuta CDAU għal aktar għajnuna.*

- *In oltre is-social worker tħoss li għadu wisq kmieni sabiex tiddeċiedi dwar l-andament tal-viżti u għalhekk qed ssir proposta biex il-viżti jkomplu jiġu superviżjonati minn ħaddiema tal-Aġenzija Appoġġ sabiex ikun żgurat kuntatt regolari bejn il-minuri u missierha u jkun hemm assistenza fejn meħtieġ."*[49]

- Rikors tal-attur tal-25 ta' Lulju 2018[50] sabiex jingħata aċċess għal uliedu t-tnejn E u F liema rikors ġie miċħud;

- Rikors tal-attur tat-30 ta' Awwissu 2018[51] fejn l-attur jitlob li jinħatru l-Aġenzija Appoġġ sabiex jirrelataw dwar il-każ u sabiex il-Qorti takkorda aċċess lill-missier b'modalitajiet mitluba minnu.

  Rapport tal-Aġenzija Appoġġ tas-26 ta' Ottubru 2018[52] fejn jiġi konkluż illi:

  - Għandha ssir vista mill-pedjatra tal-Aġenzija Appoġġ, Dr Mariella Mangion sabiex tkun tista' titfa' dawl fuq il-bżonnijiet tal-minuri bil-possibilità li jkun hemm referenza mac-CDAU;
  - Peress li l-aċċess kien sar għal xahar biss skont l-ordni tal-qorti biex jiġi deċiż l-andament tal-aċċess, kien rakomandat biex il-viżti jkomplu jiġu superviżjonati minn ħaddiema tal-Aġenzija Appogg sabiex ikun żgurat kuntatt regolari bejn il-minuri u missierha u jkun hemm assistenza fejn meħtieġ;
  - Minħabba li kien hemm bżonn għajnuna u attenzjoni mill-ħaddiema u mill-missier sabiex titjieb gradwali r-relazzjoni bejn il-missier u bintu speċjalment in vista tal-età tenera tal-minuri għaldaqstant jiġi rakkomandat li l-proċess sabiex jibdew il-viżti bejn il-minuri u bintu jibda mill-aktar fis possibli.

[49] Fol. 31.
[50] Fol. 21.
[51] Fol. 50.
[52] Fol. 60.

Il-Qorti ddekretat fit-30 ta' Ottubru 2018[53] illi ssir vista mal-pedjatara tal-Aġenzija Appoġġ Dr Mariella Mangion biex titfa' dawl dwar il-bżonnijiet tal-minuri u l-visti tal-missier mal-minuri għandhom jibqgħu superviżjonati mill-Aġenzija Appoġġ.

- Rikors tal-konvenuta tal-15 ta' Marzu 2019[54] fejn titlob li l-aċċess jibda dejjem isir fil-lokalità ta' Ħaż-Żabbar li ġie miċħud b'digriet tal-4 ta' April 2019;[55]

- Xhieda ta' Valentina Caruana fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2019[56] fejn filwaqt li tippreżenta rapport tal-Aġenzija Appoġġ tixhed illi hi kienet preżenti waqt dak l-ewwel xahar li l-aċċess sar b'superviżjoni u tgħid li minn dak li rat hi u qalulha supervisors oħra waqt visti oħra "*The relationship between the minor and her father seemed to be very good....The feedback given was always very positive. The minor mainly at times would feel a little bit uncomfortable at the beginning of the session, sometimes she would cry. But as the SAB goes along she becomes very attached to her father; she clings to him and she wants to play with him. So the relationship is a very positive one.*"[57] Tgħid li

  "*At the moment he has an hour of SAB per week. In fact we recommended that the SAB is extended to 2 hours because we feel that 1 hour is not enough at the moment. And it takes place on a Monday from 4:30 till 5:30. The father has the right to choose where the place of the SAB takes place. Currently he is residing in Xghajra, and the mother lives in Zabbar. The SAV takes place usually in Xghajra itself, and the mother brings the minor to the location, and it takes 1 hour.*"

- Nota tal-Aġenzija Appoġġ tad-9 ta' Diċembru 2019[58] li biha jiġi ppreżentat rapport tas-6 ta' Diċembru 2019. Fir-rapport ġie repetut li għal bidu t-tifla tħossha skomda iżda li mbagħad il-missier

[53] Fol. 57.
[54] Fol. 71.
[55] Fol. 76.
[56] Fol. 80.
[57] Fol. 85.
[58] Fol. 133.

jagħmel użu minn abiltajiet ta' ġenitur bħal jerfagħha u l-aċċess ikun pożittiv ħafna. Waqt aċċess fuq barra jiġi nnutat illi l-missier jixtri snacks għat-tifla u joqgħod attent li l-minuri ma tweġġa' bl-ebda mod. Anke l-espressjoni tal-minuri waqt l-aċċess turi li qiegħda tieħu gost. L-omm tkompli tinsisti li l-attitudni tat-tifla wara l-aċċess hija probelmatika. Ġie rakkomandat illi:

"*Fid-dawl ta' dan kollu, il-professjonisti fi ħdan is-servizz huma tal-umli fehma li relazzjoni ta' bejn l-missier u l-minuri hija waħda pożittiva. Għalhekk, jirrakomandaw:*

- *L-ħin tal-aċċess b'supervizzjoni jiżdied minn siegħa għal sagħtejn fil-gimgħa. Ikun ta' benefiċċju li jkun hemm ġurnata, ħin u post stabbli fejn għandu jsir l-aċċess biex jiġu evitati ċertu diffikultajiet bejn l-partijiet. Rigward dan, l-istess ħaddiema soċjali tirrakomanda li l-aċċess jibqa' jsir kull nhar ta' Tnejn.*
- *Barra minn hekk, l-istess ħaddiema soċjali hija tal-umli fehma li l-omm għandna tagħti l-ispazju meħtieg lil missier li jagħżel l-post ta' fejn ikun se jsir l-aċċess.*
- *L-aċċess tas-sinjur B isir fir-residenza tiegħu mall-minuri. Il-ħaddiema soċjali se tagħmel viżta' ġewwa residenza tas-sinjur B biex tara l-ambjent ta' dar."*[59]

- Rikors tal-attur tat-18 ta' Ottubru 2019[60] fejn jippreżenta rapport tal-Aġenzija Appoġġ u jgħid li dan ma jinstabx fil-file. Ir-rapport huwa tal-15 ta' Lulju 2019 u jgħid li sa issa għadu qatt ma kellu aċċess mall-minuri l-oħra F u jitlob aċċess maż-żewġt itfal bil-modalitajiet li jipproponi fl-istess rikors.

  Il-Qorti permezz ta' digriet tat-12 ta' Novembru 2019[61] taħtar lil Dr Stephanie Galea bħala Avukat tat-tfal sabiex tirrelata mal-minuri u tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tagħha.

---

[59] Fol. 137.
[60] Fol. 141.
[61] Fol. 241.

Nota tal-Avukat tat-tfal tat-2 ta' Diċembru 2019[62] fejn tirraporta li minħabba l-età tenera tatat-tfal hija ma setgħetx tikkomunika mal-minuri u tisma x-xewqat tagħhom;

- Nota tal-Aġenzija Appoġġ tat-28 ta' JIr 2020[63]- li biha jiġi ppreżentat rapport tal-10 ta' JIr 2020 fejn jiġi rappurtat diżgwid fuq il-post fejn għandu jsir l-aċċess u għalhekk l-Aġenzija Appoġġ titlob direzzjoni mill-Qorti dwar dan. Fir-risposta tiegħu l-attur jinsisti li l-aċċess għandu jkun għaż-żewġt itfal.

  Permezz ta' digriet tas-17 ta' Frar 2020[64] il-Qorti tordna li għax-xahrejn li jmiss l-aċċess ikun taħt superviżjoni ġewwa Raħal Ġdid bejn it-3.30pm u l-4.30 pm darbtejn fil-ġimgħa fi ġranet stabbiliti mill-Aġenzija Appoġġ.

- Nota tal-Aġenzija Appoġġ tat-22 ta' Lulju 2020[65]- li biha jiġi ppreżentat rapport tal- 15 ta' Lulju 2020 fejn tintalab direzzjoni mill-Qorti fid-dawl tal-fatt li l-ħaddiema soċjali kienu qed isibuha diffiċli jagħmlu r-rakomandazzjonijiet dwar l-aċċess għaliex il-minuri ma kinitx qed tittieħed regolarment għall-aċċess;

  Digriet tal-20 ta' Awwissu 2020[66] fejn il-Qorti ordnat lill-konvenuta sabiex mill-aktar fis possibli u mingħajr aktar skużi jew dewmien u taħt piena ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti tieħu lill-minuri għall-aċċess kull meta tordna l-Aġenzija Appoġġ.

- Rapport tal-Avukat tat-tfal tal-15 ta' Settembru 2020[67] wara rikors ieħor tal-attur dwar l-aċċess[68]. L-Avukat tat-tfal tgħid li l-omm ħadet biss lit-tifla l-kbira waqt il-laqgħa li kellhom għaliex tgħid li ż-żgħira ma tantx kienet tiflaħ. L-Avukat tat-tfal tosserva aġir mhux normali għal tifla tal-età tagħha u tgħid li probabilment dan kien minħabba li t-tifla mhix qed titħalla tissoċjalizza minħabba biża

[62] Fol. 242.
[63] Fol. 244.
[64] Fol. 257.
[65] Fol. 276.
[66] Fol. 302.
[67] Fol. 312.
[68] Rikors tal-1 ta' Lulju 2020 a. fol. 304.

kbira tal-omm mill-pandemija tal-Coronavirus. Tgħid li dan ma huwiex ambjent san biex titrabba tifla fih. It-tifla ġie nnutat li ma tafx titkellem bl-ingliż għaliex il-familjari tagħha ma jkellmuha xejn bl-ingliż u allura għandha problema ta' komunikazzjoni ma' missierha. Tgħid li innotat "*li għalkemm E qattghet il-hin kollu mikruma m'ommha minghajr ma tlissen kelma, pero l-hin kollu thares lejn missierha, titbissimlu u anke xi kultant ixxejjirlu ftit. E bil-harsa taghha, kienet tidher li thobb lil missierha u li m'ghandiex ebda problema bil-prezenza tiegħu.*"[69] Tkompli li "s-Sinjura B D ammettiet li m'ghandha ebda skuza ghaliex it-tifla m'ghandiex tkun ma' missierha hlief il-biza tal-Corona Virus!!!"

L-Avukat tat-tfal tirrakkomanda li l-minuri E jkollha xi tip ta' *social interaction* ma nies barra l-familjari t'ommha minħabba li dan qed jillimita l-iżvilupp tagħha u tissuġġerixxi li l-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur sabiex ikollu aċċess ma' wliedu u li m'hemmx raġunijiet validi li dawn it-tfal jiċċaħħdu minn missierhom li jħobbhom u jixtieq iqatta' ħin magħhom.

Digriet tas-16 ta' Settembru 2020[70] li bih il-Qorti laqgħet it-talbiet tal-attur li ressaq permezz tar-rikors tiegħu tal-1 ta' Lulju 2020 fis-sens illi l-aċċess ikun kif ġej:

> *"Darba fil-gimgha fil-gurnata li huwa jkun off -mis-saghtejn (2:00) sas-sitta ta' filghaxija (18:00) meta huwa jigborhom u jwasslhom minn hdejn l-ghassa ta' Haz-Zabbar; liema access ma għandux ikun supervizzjonat;*
>
> *Fil-weekend meta jkun off mis-saghtejn (2:00) sat-tmienja ta' filgħaxija (20:00) meta huwa jigborhom u jwasslhom minn ħdejn l-ghassa ta' Haz-Zabbar, meta huwa jkun xoghol jigborhom mill-ħamsa (17:00) sal-għada l-ħadd fl-għaxra (10:00am) ta' filghodu liema access ma għandux ikun supervizzjonat;"*[71]

[69] Fol. 313.
[70] Fol. 314.
[71] Fol. 306.

- Digriet tas-6 ta' Jlr 2021[72] fejn il-Qorti tiċħad it-talbiet tal-attur fejn talab fost l-oħrajn biex il-Qorti tikkonferma d-digriet mogħti fl-atti tal-medjazzjoni;

- L-attur jippreżenta għadd ta' rapporti[73] magħmulin mal-Pulizija fejn jirraporta li l-konvenuta ma tatux aċċess għat-tfal.

Il-Qorti għandha għalhekk quddiemha sitwazzjoni fejn l-attur jidher li għandu interess kbir f'uliedu tant illi mhux biss jitlob kura u kustodja konġunta u aċċess permezz tat-talbiet fil-kawża iżda wkoll ripetutament għamel rikorsi *pendente lite* f'dan is-sens. Il-konvenuta tidher li rreżistiet dan l-aċċess u xekklet li tiġi żviluppata relazzjoni bejn il-missier u uliedu, ħaġa li din il-Qorti tikkundI bil-qawwa kollha.

Il-Qorti hawn tibda biex tagħmel referenza għall-prinċipju bażilari li jirriżulta mill-liġi u l-ġurisprudenza nostrana b'mod assulutament kostanti, jiġifieri illi kif ingħad fis-sentenza tal- fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna**[74]: *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Tgħid il-Qorti tal-Appell fil-kawża **Miriam H *pro et noe* vs Francis H**[75] illi "*Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli. Din il-Qorti,*

[72] Fol. 602.
[73] Nota tal-attur tat-23 ta' Marzu 2022 a. fol. 619.
[74] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċit. Nru. 1715/2001/1RCP).
[75] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Civili Numru. 2463/1999/1).

*ghalhekk, tistmerr l-attitudni ta' l-attrici li minflok tikkopera biex taghmilha facli ghat-tifla zzomm kuntatt ma' missierha, tippika u tinsisti fuq id-drittijiet taghha, u anke izzeffen fin-nofs lil hutha u membri ohra tal-familja taghha biex tara li tghaddi taghha. Il-Qorti tinnota li specjalment fil-bidu, il-konvenut kellu kemm-il darba jitlob l-intervent tal-Qorti biex ikun jista' jara lil bintu, ghax l-attrici kienet sfidat lil kulhadd, sahansitra lill-Qorti, u ma riedetx turi t-tifla lill-konvenut."*

Għaldaqstant il-mod kif tiddeċiedi l-Qorti f'dawn il-każijiet dwar kura u kustodja tal-ulied, għandu jneħħi kull dubju f'dak li jkun, illi d-deċiżjoni tkun saret wara li wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl tal-prinċipju suprem jiġifieri li kwalsiasi ordni li tingħata mill-Qorti tingħata fl-interess suprem tal-minuri.

F'dan il-każ, kif diġà ngħad, il-konvenuta kienet qiegħda kontinwament tirreżisti illi l-missier jiżviluppa xi tip ta' relazzjoni mal-minuri F u E li llum għandhom sitt (6) snin u sebgħa (7) snin rispettivament. Il-Qorti tħoss li din ir-reżistenza ma kinitx waħda ġusta u dan fid-dawl tal-fatt illi kull rapport li sar dwar l-aċċess tal-missier għal bintu E (għaliex il-konvenuta dejjem irreżistiet li tieħu lil F għall-aċċess) kien wieħed pożittiv għal l-aħħar fejn a skans ta' ripetizzjoni r-rapporti jixhdu illi l-missier kellu komportament kalm ma' bintu, kien jaf imur magħha, kien attent għall-perikli madwar it-tifla u kien kapaċi wkoll jikkalmaha tant li kienet tidher kuntenta ħafna fil-preżenza tiegħu. Jidher li l-konvenuta daqqa ġabet skużi minħabba l-post fejn jiġi eżerċitat l-aċċess, daqqa sabet skużi li l-attur wasal tard, daqqa minħabba l-pandemija u daqqa minħabba l-fatt illi l-attur ma kienx qed jagħtiha manteniment. Il-Qorti għalhekk terġa' tfakkar illi l-ġenituri jridu jżommu f'moħħhom illi l-kuntatt mal-parti l-oħra huwa bżonnjuż għall-iżvilupp tat-tfal u ma għandux jiġi mxekkel minn piki bejn iż-żewġ ġenituri għaliex l-uniċi persuni li jbatu finalment minn din it-tip ta' pika huma l-ulied. F'dan il-każ partikolarment fejn ġie nnutat illi l-minuri E immanifestat problemi minħabba nuqqas ta' soċjalizzazjoni ma' nies barra l-familja t'ommha huwa ferm iktar importanti li l-minuri jkollhom kuntatt kostanti ma' missierhom.

L-Avukat tat-tfal kienet ċara fi kliemha li ma hemm xejn li għandu jwaqqaf l-aċċess għall-missier għaliex il-missier għandu l-interessi tat-tfal

għal qalbu u l-omm stess qaltilha li l-unika problema li kellha kienet il-pandemija. Qatt ma ġew fil-fatt preżentati rapporti la ta' professjonisti u lanqas mal-pulizija li juru li l-missier huwa ta' detriment għal uliedu. Fil-fatt il-Qorti laqgħet it-talba għal aċċess xieraq għall-minuri u mhux superviżjonat.

Il-Qorti fil-fatt qed tadotta l-istess digriet u tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri E u F tkun fdata f'idejn iż-żewġ partijiet konġuntivament u l-aċċess isir kif ġej:

Darba fil-ġimgħa fil-ġurnata li l-attur ikun *off*, mis-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00) sas-sitta ta' filgħaxija (18:00) billi jiġborhom u jwasslhom minn ħdejn l-għassa ta' Ħaż-Żabbar;

Fil-*weekend,* fil-ġurnata li jkun *off,* jew is-Sibt jew Ħadd, mis-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00) sat-tmienja ta' filgħaxija (20:00) billi jiġborhom u jwasslhom minn ħdejn l-għassa ta' Ħaż-Żabbar u meta huwa jkun xogħol, jiġborhom is-Sibt mill-ħamsa ta' wara nofsinhar (17:00) sal-għada l-Ħadd fl-għaxra ta' filgħodu (10:00am);

Fil-vaganzi tal-Milied, tal-Għid u tas-Sajf, l-aċċess jibqa' l-istess;

Fil-ġranet tal-Milied, l-Ewwel tas-Sena, l-Għid u għeluq snin it-tfal, l-aċċess ikun mill-l-erbgħa ta' wara nofsinhar (16:00) sas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30) u mid-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30) sat-tlieta ta' waranofsinhar (15:00) alternattivament; fis-sens li jekk f' okkazzjoni waħda l-aċċess ikun filgħaxija, fl-okkazzjoni sussegwenti l-aċċess ikun filgħodu. Illi fl-ewwel okkazzjoni li jmiss wara din is-sentenza, l-aċċess ikun filgħaxija.

F'Jum il-missier l-aċċess ikun mid-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30) sat-tlieta ta' waranofsinhar (15:00).

<u>Manteniment</u>

Artikolu 3B tal-Kap 16 jgħid kif ġej:

*(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li **jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw** lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

Hekk kif jirriżulta mill-Artikolu appena ċitat, il-ġenituri għandhom ukoll obbligu finanzjarju fil-konfront ta' wliedhom, liema obbligu *ai termini* tal-Artikolu 19 subinċiż 1 u 2 tal-Kap 16 għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez relatati mal-istess saħħa u edukazzjoni.

L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied **huwa skont il-bżonnijiet tal-minuri, iżda temperati skont il-mezzi ta' min itih**, kif jipprovdi Artikolu 20 tal-Kap 16. Artikolu 20 fil-fatt jaqra illi:

*(1) Il-manteniment għandu jingħata **skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih**.*

Kif tgħid il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **A B *pro et noe* vs D E**[76] *"Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri.*

Il-Qorti tagħraf illi kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea**[77]: *"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tallum tikkunsidra bhala necessita` ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom*."

Il-Qorti tara illi b'digriet tagħha tad-9 ta' Ottubru 2018, ordnat illi l-attur iħallas lill-konvenuta għal uliedha s-somma ta' erba' mitt Ewro (€400) fix-xahar kull wieħed.  Il-konvenuta tirrapporta diversi drabi mal-Pulizija illi l-

[76] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' Mejju 2021 (Rik. Ġur. Nru. 140/2019 AL)
[77] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jlr 2019.

manteniment ma ingħatax iżda ma tippreżenta l-ebda elenku ta' x'baqa' pendenzi.

Il-Qorti tqis li l-attur għandu jgħaddi manteniment lill-konvenuta għaż-żewġ uliedu. Fil-kawża iżda ma jiġu ppreżentanti l-ebda prospetti li juru l-bżonnijiet tal-minuri kif jitlob l-Artikolu 20 tal-Kap 16. Permezz ta' rikors tas-17 ta' Diċembru 2020 l-attur jippreżenta *payslip* tiegħu fejn jidher li l-paga nett għal dak ix-xahar kienet ta' elf mitejn u wieħed u tmenin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€1281.50) u li kellu kera ta' ħames mija u ħamsin Ewro (€550) fix-xahar u spejjeż ta' dawl u ilma ta' mija u erbatax-il Ewro fix-xahar (€114). Minn l-2020 'l hawn iżda, ma ġewx preżentati provi oħra dwar l-introjtu tal-attur.

Għalhekk il-Qorti hija sprovvista minn provi suffiċjenti biex tikkalkula ammont ta' manteniment u għalhekk trid tasal għal ammont *arbitro boni viri* u għalhekk tordna lill-attur iħallas lill-konvenuta s-somma ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar għal kull wild, flimkien ma nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni wara li jiġu preżentati lilu l-irċevuti relattivi. Din is-somma għandha tiżdied kull sena fl-anniversarju ta' din is-sentenza skond iż-żieda fl-indiċi ta' l-għoli tal-ħajja, u jibqa' jitħallas anke wara li l-minuri jagħlqu 18-il sena jekk jibqgħu jistudjaw *full-time,* u dan sakemm jagħlqu 23 sena jew meta jtemmu l-istudji tagħhom fuq bażi *full-time* skond liema ċirkostanza tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe allowance tat-tfal u benefiċċji oħra tal-minuri għandhom jiġu perċepiti mill-omm.

5. **It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar il-25 ta' April 2016, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilità l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

a. *<u>It-Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

b. *Elenku ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti*

Fir-rigward ta' dawk l-assi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti telenka s-segwenti kif jirriżulta mill-provi li ġabu l-partijiet:

L-unika prova ta' dak li jifforma parti mill-komunjoni huma l-kontijiet bankarji.

Il-kontijiet bankarji konġunti jew f'isem il-partijiet separatament li jirriżultaw mill-provi huma s-segwenti:

a. Savings accounts mal-bank HSBC f'isem l-attur Nru tal-kont 026-285510-050 li fl-14 ta' Novembru 2020 kien hemm bilanċ ta' €2,572.50;[78]
b. Current account mal-bank HSBC f'isem l-attur Nru tal-kont 039-176912-001 li fl-14 ta' Novembru 2020 kien hemm bilanċ ta' €205.02;[79]
c. *Joint account* mal-Bank HSBC f'isem iż-żewġ partijiet Nru tal-kont 042-191460-050 li fit-18 ta' April 2017 il-bilanċ kien zero.[80]

*Lista ta' assi parafernali tal-partijiet:*

Ma tinġieb l-ebda prova ta' assi parafernali li għandhom il-partijiet.

**Fid-dawl tal-provi prodotti l-Qorti sejra tipproponi s-segwenti pjan ta' likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u assenjazzjoni ta' assi parafernali:**

[78] Dok. LA preżentat mir-rappreżentanta tal-Bank HSBC fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2020 a. fol. 319.
[79] Dok. LA 1 preżentat mir-rappreżentanta tal-Bank HSBC fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2020 a. fol. 319.
[80] Dok. LA 2 preżentat mir-rappreżentanta tal-Bank HSBC fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2020 a. fol. 319.

Kull parti għandha żżomm il-kontijiet bankarji, investimenti jew poloz ta' assigurazzjoni intestati fuq isimha u l-kont bankarju konġunt jingħalaq u kull bilanċ li jista' jkun hemm jinqasam bejn il-partijiet ugwalment.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur fis-sens illi tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet bi ħtija tal-konvenuta, u tawtorizża lill-attur jgħix separatament minn ma' martu;

2. Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tafda l-kura u kustodja tal-minuri E u F b'mod konġunt bejn il-partijiet;

3. Tilqa' limitatament it-tielet talba attriċi u filwaqt li tordna li r-residenza tal-minuri tkun mal-omm, tordna li l-aċċess tal-missier għall-minuri jkun kif ġej:

   Darba fil-ġimgħa fil-ġurnata li l-attur ikun *off*, mis-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00) sas-sitta ta' filgħaxija (18:00) billi jiġborhom u jwasslhom minn ħdejn l-għassa ta' Ħaż-Żabbar;

   Fil-*weekend,* fil-ġurnata li jkun *off,* jew is-Sibt jew Ħadd, mis-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00) sat-tmienja ta' filgħaxija (20:00) billi jiġborhom u jwasslhom minn ħdejn l-għassa ta' Ħaż-Żabbar u meta huwa jkun xogħol, jiġborhom is-Sibt mill-ħamsa ta' wara nofsinhar (17:00) sal-għada l-Ħadd fl-għaxra ta' filgħodu (10:00am);

   Fil-vaganzi tal-Milied, tal-Għid u tas-Sajf, l-aċċess jibqa' l-istess;

   Fil-ġranet tal-Milied, l-Ewwel tas-Sena, l-Għid u għeluq snin it-tfal, l-aċċess ikun mill-l-erbgħa ta' wara nofsinhar (16:00) sas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30) u mid-disgħa u nofs

ta' filgħodu (9:30) sat-tlieta ta' waranofsinhar (15:00) alternattivament; fis-sens li jekk f'okkażjoni waħda l-aċċess ikun filgħaxija, fl-okkażjoni sussegwenti l-aċċess ikun filgħodu. Illi fl-ewwel okkażjoni li jmiss wara din is-sentenza, l-aċċess ikun filgħaxija.

F'Jum il-missier l-aċċess ikun mid-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30) sat-tlieta ta' waranofsinhar (15:00).

4. Tilqa' limitatament ir-raba' talba u tordna li l-attur iħallas manteniment ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar għal kull wild, flimkien ma' nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni wara li jiġu preżentati lilu l-irċevuti relattivi. Din is-somma għandha tiżdied kull sena fl-anniversarju ta' din is-sentenza skond iż-żieda fl-indiċi ta' l-għoli tal-ħajja, u jibqa' jitħallas anke wara li l-minuri jagħlqu 18-il sena jekk jibqgħu jistudjaw *full-time,* u dan sakemm jagħlqu 23 sena jew meta jtemmu l-istudji tagħhom fuq bażi *full-time* skond liema ċirkostanza tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe allowance tat-tfal u benefiċċji oħra tal-minuri għandhom jiġu perċepiti mill-omm.

5. Tiċħad il-ħames u s-sitt talba *stante* li l-Qorti ddeċidiet li ma tapplikax fil-konfront tal-partijiet is-sanzjonijiet tal-artikoli 48 *et seq.* tal-Kap 16.

6. Tilqa' limitatament is-seba' talba attriċi u tiddeċiedi skont il-provvedimenti tal-ħames (5) parti ta' din is-Sentenza u *ċioé "It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali";*

7. Tiċħad it-tmien talba *stante* li mill-provi ma rriżultawx beni parafernali.

Bl-ispejjeż, a karigu tal-konvenuta.